Hoffman wera xewqa kbira li l-qabar ta' Walsingham jiġi miftuħ. Huwa avviċina lill-Isqof Anglikan ta' Rochester u spjegalu kollox. L-Isqof deher li fehmu u qallu li 15-il sena qabel id-Dean ta' Westminster kien ta permess biex jinfetaħ il-qabar ta' Spencer għal raġunijiet simili. B'danakollu x-xewqa ta' Hoffman sal-lum għadha ma ġietx maqtugħa.

Hafna huma dawk li qablu max-xewqa ta' Calvin Hoffman u għadhom jitolbu biex jinqala' l-permess ħalli jaraw jekk it-tijorija ta' Hoffman hix sempliċi immaġinazzjoni jew inkella verità assoluta. Mill-provi li Hoffman irnexxielu jikseb, kollox s'issa juri li għandu raġun.

Mistoqsi x'jaħseb li ser isib fil-qabar ta' Walsingham kemm-il darba dan jiġi miftuħ, Hoffman wieġeb hekk:

"Forsi xejn speċjali u forsi xi manuskritt b'dawn il-kelmiet:

THE TRAGEDY OF HAMLET, PRINCE OF DENMARK
by
CHRISTOPHER MARLOWE

---

## ERRATA CORRIGE

**Minħabba li fit-tieni epigramm ta' J.P. VASSALLO li deher fil-għadd ta' ĠUNJU 1973 f'paġna 46 kien hemm żball, i.e. flok il-kelma 'snien' dehret il-kelma 'sisien,' ħassejna li tkun ħaġa sewwa li nerġgħu nippublikaw l-epigramm li semmejna kollu kemm hu:**

**Għax bojod is-snien ta' Sally**
**Ta' Grezz suwed u mħassra?**
**Ħallset għalihom Sally...**
**Ta' Grezz tagħha jaħasra.**



# IL-KALĊI TAL-MUŻEW

### ta' DUN FRANS CAMILLERI

Kien żmien id-deheb...
kien żmien l-aqwa ta' l-arti...
Bid-deheb u bl-ikbar arti
ħadmu kalċi ta' ġmiel li ma bħalu
li kien jagħni u jżejjen
l-altar nofsani ta' bażilka f'Ruma.

In-nies bl-eluf kienu jinġabru
u kollha jfittxu jersqu,
għarriexa u mistagħġbin,
madwar l-altar.
Għajnejn kulħadd jissammru fuq il-kalċi
kull darba li l-qassis
jgħolli l-kalċi bid-Demm prezzjuż ta' Kristu
għall-qima ta' l-insara.
Wiċċu mixgħul bid-dawl
idejh jgħollihom bil-mod... bil-mod...
donnu biex jagħti l-ħin
li n-nies jitgħaxxqu sewwa
bis-sengħa u l-ġmiel tal-kalċi.

* * * *

Għaddew is-snin...
u dak il-kalċi għani u mirqum,
bla ma ħadd jaf l-għala,
taħt bozoz qawwijin li jarmu dawl u dija
qed iżejjen mużew mill-kbar ta' Ruma.
U waqt li eluf ta' nies,
eluf mid-dinja kollha,
iżuru lill-mużew bla heda
u jgħożżu u jqimu l-kalċi mdieheb,
il-baħħ u d-dlam jimlew dik il-bażilka.